# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 22

L-Erbgħa, 25 ta' Novembru 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana iltaqa' fis-Sala tal-Komunità li tinsab fi Triq ta' Mulejja, nhar l-Erbgħa, 25 ta' Novembru 2020 fl-5.00pm.

PREŻENTI:
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sur Neville Galea – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

## 22.1 Talba;

22.1.1 Il-laqgħa bdiet fl-5.00pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 22.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

22.2.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 22.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

22.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 21 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

22.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

22.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

22.3.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 22.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

22.4.1 Is-Sindku Saviour Borg beda billi awgura lis-Sur Jacob Portelli, persuna mil-lokalita' tal-Fontana li qed jagħmel isem bid-daqq ta' l-arpa u li ġie rikonoxxut f'magażin dinji *World Harp Congress*. Il-Kunsill qabel. Is-Sur Horace Micallef feraħ ukoll lis-Sur Alex Borg li f'dawn l-aħħar jiem ingħata l-premju *Mr World Malta 2020*.

22.4.2 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li saru l-*face masks* bl-arma tal-Kunsill.

22.4.3 Is-Sindku għarraf lil membri preżenti li illum l-Kunsill tella l-bnadar mezza lasta bħala rispett f'ġurnata ta' luttu nazzjonali għall-mewt tal-Prof. Oliver Friggieri.

22.4.4 Is-Sindku informa li dakinhar ġie ffirmat il-kuntratt mall-kuntrattur *Little Rock Quarry Ltd* rigward il-*Works Tender for the Excavation of Trenches and Replacement of House Connections – Triq il-Għajn, Fontana* [FLC/05/2020]. Dan wara li kif kien hemm qbil, il-Perit Toni Bezzina ċċekkja s-sottomissjoni li tefa' l-kuntrattur u wara li għaddew l-għaxart ijiem taż-żmien tal-appell.

22.4.5 Rigward il-proġett ta' xogħlijiet ta' tisbiħ bil-*porvido* kif kien maqbul, is-Sindku qal li l-Kunsill bagħat ittra reġistrata lill-kuntrattur kemm fl-indirizz tad-dar personali, kif ukoll fl-indirizz tal-kumpanja, fejn il-Kunsill talab biex jintbagħat *works programme*. Hu informa li sa dakinhar il-Kunsill kien għadu ma rċieva xejn. Hu qal li tal-Awtorita' tal-Ippjanar reġgħu bagħtu biex jiġi ffirmat il-kuntratt il-ġdid fejn ser jiżdiedu l-fondi iżda peress li ma għandniex *works programme* dan ma' jistax jiġi ffirmat. Il-Kunsill qabel.

22.4.6 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li l-Kunsill irċieva notifika mill-Qorti ta' Malta li ser jinstema l-appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell quddiem il-Prim Imħallef u żewġ mħallfin oħra fil-kawża *Anthony Cassar kontra l-Kummissarju tal-Artijiet; u b'digriet tal-4 ta' April 2014, il-Kunsill Lokali tal-Fontana ġie awtorizzat sabiex jintervjeni fil-kawża in statu et terminis*, Malta, nhar it-Tnejn, 7 ta' Diċembru 2020 fit-8.35 ta' filgħodu. Ser jattendi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Avukat Dr J. P. Grech.

22.4.7 Is-Sindku Saviour Borg qal li l-Kunsill għamel kuntatt mas-Sinjura Catherine Fenech rigward l-applikazzjonijiet tad-devoluzzjoni, li min-naħħa tagħha qalet li se tibgħat kopja tad-dokumenti ta' l-Għajn ta' Bendu, ta' l-Għajn il-Kbira u tax-xelter fi Pjazza l-Għejjun li skond hi bagħtet lil Kunsill f' Ġunju 2019. Hu kompla billi qal li s-Sa. Fenech se tinforma lil Kunsill meta jsir il-kuntratt ta' l-oħrajn. Is-Sur Horace Micallef staqsa jekk il-kuntratti humiex ser isiru b'lura. Is-Sindku wieġeb illi ma' jafx.

22.4.8 Is-Sindku informa li sar iż-żbir tal-arbuxelli tal-belveder fi Triq ta' Mulejja u dawk tal-*playingfield.*

22.4.9 Is-Sindku Saviour Borg informa li saret is-seduta tal-Qorti tar-rikors kontra l-Awtorita' tal-Artijiet nhar it-23 ta' Novembru 2020. Hu qal li ta x-xhieda tiegħu s-Sur Jurgen Spiteri mill-Awtorita' tal-Artijiet, u

tressqu ukoll l-*affidavits* tal-Perit Joseph Dimech u tal-Perit Anna Maria Attard Montalto. Il-kawża ġiet aġġornata għall-4 ta' Diċembru 2020 għat-trattazzjoni u wara tingħata s-sentenza. Hu informa li l-Avukat tal-Kunsill talab lil Maġistrat biex din is-seduta ssir wara li tingħata s-sentenza ta' l-appell fis-seduta tas-7 ta' Diċembru 2020 imma l-avukat tal-Awtorita' tal-Artijiet oġġezzjona. Dan beda jidher minflok Dr Justyne Caruana li f'dawn il-jiem reġgħet inħatret Ministru.

22.4.10 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva madwar mitejn u ħamsin *pensieri* mill-*voucher Rebbiegħa fil-Komunita' – Xettel b'Ilwien in-Natura*. Hu qal li dawn ġew imħawwla madwar il-lokalita'.

22.4.11 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li l-Kunsill bagħat ittra bil-kont tal-ġabra tal-borża riċiklabbli li ssir nhar ta' Tlieta, u dik tal-ħġieġ lid-Direttur tal-Gvern Lokali is-Sur C. Galea. Hu qal li sa dakinhar il-Kunsill ma' kien irċieva l-ebda pagament. Is-Sindku talab biex il-Kunsill jibgħat *reminder* biex isir dan il-ħlas. Kien hemm qbil.

22.4.12 Is-Sindku informa, li wara insistenza kemm min-naħħa tiegħu u kemm min-naħħa tas-Segretarju Eżekuttiv, il-Perit Gordon Vella ħa r-ritratti meħtieġa tal-fond 189/190, Triq il-Għajn, Fontana, min-naħa ta' ġew peress li tħalla jidħol mis-Sur Anthony Cassar.

22.4.13 Is-Sindku Saviour Borg ressaq talba mingħand resident biex isir sinjal quddiem il-bieb tar-residenza 'St Joseph' fi Triq ta' Mulejja biex ma jipparkjawx quddiemu minħabba li hemm persuna vulnerabbli ħafna u ma tkunx tista' toħroġ mill-bieb. Kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat talba lil Transport Malta.

22.4.14 Is-Sindku għarraf li jekk ma' tinqala l-ebda emerġenza minħabba din il-pandemija, l-għoti tal-ikla lil anzjani li jgħixu waħedhom għandha issir fl-okkażjoni tal-Milied. Il-Kunsill qabel. Is-Sur Horace Micallef issuġġerixxa biex l-ikel jitqiegħed ġo kaxxi separati.

22.4.15 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li l-Kunsill applika għall-van biex tintuża mir-residenti, kif ukoll biċċa apparat tal-logħob għall-*Playingfield* li jkun aċċessibli minn kulħadd mill-iskema li ħareġ id-Dipartiment, *SPI/SCI/3/2020 - Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessiblita' u Mobilita'*. Hu informa wkoll li l-Kunsill ma kkwalifikax mill-iskema li ħarġet Transport Malta tal-*European Mobility Week*

biex tinxtara van.

22.4.16 Is-Sindku informa lill-membri li wasal iż-żmien sabiex il-Kunsill jippubblika l-fuljett ta' Diċembru 2020 bl-aħbarijiet u l-ħidma tal-Kunsill tal-aħħar sena, peress li f'Ġunju, minħabba l-istat ta' emerġenza, ma ġiex ppubblikat. Kien hemm qbil dwar dan.

22.4.17 Is-Sindku informa li l-Kunsill li minkejja li saru diversi talbiet matul l-aħħar xahrejn lil Ministeru għal Għawdex biex titwaħħal *bollard* quddiem l-Għajn il-Kbira, sa issa għadu ma sar xejn. Din ser jipprovdieha l-Kunsill.

22.4.18 Is-Sindku informa li l-Kunsill reġa' bagħat lid-Direttur għal-Gvern Lokali is-Sur C. Galea jistaqsi jekk il-Kunsill Lokali jistax jagħmel il-laqgħat onlajn bħalma qed jagħmel ir-Reġjun Għawdex. Ir-risposta kienet li d-Dipartiment huwa konxju tad-diffikultajiet li qed jinħolqu u għalhekk qed isiru diskussjonijiet fil-Parlament sabiex jiddiskuti emenda fl-Artiklu 48(3) tal-Att dwar Gvern Lokali sabiex id-Dipartiment ikun jista' joħroġ direttivi adattati għal dawn iċ-ċirkustanzi partikulari.

## 22.5 Jum il-Fontana 2020

22.5.1 Is-Sindku Saviour Borg qal li kif diġa' kien hemm qbil fl-aħħar laqgħa, u kif hemm miktub fil-programm ta' Sant'Indrija, il-quddiesa ta' radd il-ħajr ta' Jum il-Fontana u dik ta' Jum Sant'Indrija ser isiru f'darba, nhar it-Tnejn, 30 ta' Novembru 2020. Il-membri li ser jattendu huma s-Sindku Saviour Borg, il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef, il-Kunsillier is-Sur Carmel Farrugia u s-Segretarju Eżekuttiv. Huwa appella liż-żewġ membri l-oħra tal-Kunsill biex jattendu għall-okkażjoni.

## 22.6 Aġġornament fuq is-sitwazzjoni tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku

22.6.1 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li l-Perit Gordon Vella ħa r-ritratti tal-fond nru 189/190 fi Triq il-Għajn. Hekk issa l-applikazzjoni tista' tibqa' għaddejha minħabba l-fatt se tintbagħat l-informazzjoni kollha meħtieġa min-naħħa Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Min-naħħa l-oħra, il-Perit informa lil tas-CRPD li ser isir apparat li jkun aċċessibli għal kulħadd fil-*playingfield*.

## 22.7 Għoti ta' offerti

22.7.1 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li dakinhar ġie ffirmat il-kuntratt tal-*Works Tender for the Excacation of Trenches and Replacement of House Connections – Triq il-Għajn, Fontana,* bejn il-kuntrattur u l-Kunsill. Hu qal li issa l-pass li jmiss hu li l-kuntrattur iġib il-*performance guarantee,* l-*insurance* u l-*programme of works.* Is-Sindku qal li jekk jinbidlu ċ-ċirkustanzi u tkun ser issir il-Festa, sa Ġunju dawn ix-xogħlijiet iridu jkunu lesti. Is-Sur Horace Micallef tenna li importanti li l-Kunsill jitkellem mal-kuntrattur l-ieħor ħalli ma jinqalgħux problemi. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għandu jikkonferma mal-kuntrattur l-ieħor biex jara hux ser iżomm l-istess rati, ħalli jekk jinbidlu, l-Kunsill jagħmel talba lil Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku qal li l-Kunsilli qed jieħdu responsabbilita' ta' kollox biex jitwettqu dawn ix-xogħlijiet ta' toroq u imbagħad mank jissemmew l-ismijiet tal-Kunsilli Lokali fuq il-fuljetti li joħroġ il-Ministeru għal Għawdex li jitqassam f'kull dar f'Għawdex. Tal-inqas għandu jinkiteb li dan qed isir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsilli Lokali li jkunu qed iwettqu dan ix-xogħol. Is-Sur Horace Micallef ssuġġerixxa biex l-Kunsill jitkellem maż-żewġ kuntratturi.

22.7.2 Rigward it-tender *Service Tender for the collection of Household Waste from the Locality of Fontana in an Environmentally Friendly Measure,* is-Segretarju Eżekuttiv informa li wara li l-Inġinier M. Cauchi kkonferma li ż-żewġ offerenti kienu *technically compliant,* il-ġimgħa ta' qabel iltaqa l-bord tal-Evalwazzjoni. Skond ir-rapport tal-Bord tal-Evalwazzjoni, kien hemm żewġ offerenti:
LTLM Ltd – €23,400
Jason G Debrincat - €20,280

Il-bord tal-Evalwazzjoni irrakkomanda li dan it-tender jingħata lil Jason G. Debrincat li kien *the cheapest compliant.* Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkomandazzjoni tal-bord, u r-rapport ġie approvat.

## 22.8 Aġġornament sitwazzjoni proġett tal-*Porvido*

22.8.1 Rigward il-proġett ta' tisbieħ bil-*porvido,* is-Sindku qal li sa dakinhar il-Kunsill kien għadu ma rċieviex il-programm ta' xogħlijiet min-naħħa tal-Kuntrattur. Hu kompla billi qal li dakinhar waqt li kien jiffirma l-kuntratt, il-kuntrattur qal li fil-ġranet li ġejjin se jibgħat il-programm

ta' xogħlijiet u li ser issir laqgħa mas-Sur Clayton D'Amato mill-uffiċċju tal-Perit Toni Bezzina fuq il-post. Is-Sindku ssuġġerixxa li skond il-parir tal-Avukat Jonathan Mintoff, li jekk ma' jagħmilx il-*Works Programme* sa l-ewwel għaxart ijiem ta' Diċembru, il-Kunsill jibgħat ittra uffiċċjali bl-Avukat u tiġi depożitata l-Qorti. Is-Sur Horace Micallef ma' qabilx ma' dan minħabba l-fatt li jkun għaqli li l-Kunsill ma' jiġġilidx mal-kuntrattur. Is-Sindku wieġeb li dan ix-xogħol suppost li diġa' tlesta u hemm l-Awtorita' tal-Ippjanar titlob biex jiġi ffirmat it-tiġdid tal-Kuntratt u jekk jintilfu l-fondi, il-Kunsill ma' għandux minn fejn jagħmel dan il-proġett. Barra minn hekk qabel jitwettaq dan ix-xogħol l-Kunsill ma' jistax jerġa' japplika għal-skema tal-Awtorita' tal-Ippjanar, li dan l-aħħar ġiet estiża sal-aħħar ta' l-2022. Dan għar-raġuni li l-€50,000 li ħadna fl-ewwel skema għadhom ma' ntefqux. Il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm bżonn tintbagħat ittra legali.

## 22.9 Ħatra ta' Skrivan/a fi Skala 15 *part time*

22.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li l-Jobsplus bagħtet lista' ta' madwar tlieta u tletin persuna li kienu eliġibbli biex japplikaw għal din is-sejħa. Minn din il-lista, il-Kunsill irċieva żewġ sottomissjonijiet ta' CVs. Hu qal li issa jmiss li jiġi ffurmat il-Bord tal-Evalwazzjoni. Is-Sindku ippropona li l-bord ikun magħmul mill-membri li għamlu l-*interview* tas-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef informa lill-Kunsill jekk irid joqgħod xi ħadd minnfloku. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil il-Bord tal-Evalwazzjoni jkun magħmul mis-Sur Paul Buttigieg bħala *Chairperson,* mis-Sindku Saviour Borg, u mill-Kunsillier is-Sur Carmel Farrugia. Bħala Segretarju tal-Bord ikun hemm is-Segretarju Eżekuttiv.

## 22.10 Tiżjin ta' toroq – Milied 2020

22.10.1 Is-Sindku Saviour Borg issuġġerixxa sabiex it-tiżjin tal-Milied isir bħas-soltu hekk kif ġej: Triq il-Għajn mill-Knisja sa Pjazzetta fuq it-Tomba isir minn George Schembri għan-nom tal-Għaqda tal-Armar Fontana, filwaqt li Triq John Gaspard Le Marchant, Triq il-Kardinal Alessandro Franchi u it-Triq il-Kappillan Ġ. Hili jsir minn Michael Bugeja, bil-prezzijiet ikunu bħal tas-sena l-oħra. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**22.11 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti;**

22.11.1 Invit mill-Kunsill Lokali Ix-Xewkija għall-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla fil-Knisja Rotunda fil-5.15pm fl-okkażjoni ta' Jum ix-Xewkija, il-Ġimgħa 27 ta' Novembru 2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.11.2 Korrispondenza mingħand is-Sa. M. Psaila mid-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward il-Laqgħa Pubblika 2020. Kien hemm qbil li ssir nhar it-Tlieta, 15 ta' Diċembru 2020 fil-5.00pm.

22.11.3 Korrispondenza mis-Sur G Refalo dwar Milied Solidali – Filmat bl-Attivitajiet passati fil-Lokalita'. Is-Sindku wieġeb biex niċċekkjaw jekk hemmx xi ħaġa speċjalment filmat li kien ittieħed fis-sena 2008 mis-CVC.

22.11.4 Ċirkulari Nru AKL 2020/124 – *Arms Applications.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.11.5 Korrispondenza mis-Sa. J. Cassar mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Amministrazzjoni ta' Proprjeta' Pubblika (Devoluzzjoni). Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.11.6 Ċirkulari Nru AKL 2020/125 – *EPPS Tender Evaluation Training for Elected Members.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.11.7 Ċirkulari Nru AKL 2020/126 – Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2021. Kien hemm qbil li din il-polza tiġi mġedda.

22.11.8 Korrispondenza mingħand il-PA rigward Applikazzjonijiet Nru: PA/7302/20, RG/00998/20, PA/07798/20, PA/04217/20, RG/00886/20. Il-Kunsill innota l-kontenut

22.11.9 Ċirkulari Nru AKL 2020/108 – Il-Festa bħala Wirt Intanġibli Dinji. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill ġa bagħat din l-ittra.

22.11.10 Ċirkulari Nru AKL 2020/127 – *Webinar OHSA – Working Together for Risk Prevention.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.11.11 Komunikazzjoni mill-BOV rigward ftuħ ta' *account* ġdid. Il-Bank qed jitlob biex jiffirmaw żewġ kunsilliera bħala xhieda. Il-Viċi Sindku s-Sinjura Josephine Camilleri u s-Sur Horace Micallef iffirmaw bħala

xhieda.

22.11.12 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward l-*accumulation of vacation leave* tas-Segretarju Eżekuttiv. Hu qal li xtaq iħalli 108 sigħat għas-sena 2021. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ma' jistax jaċċetta dawn is-sigħat kollha li fadallu, dan għar-raġuni li huma *leave* li suppost ittieħed fil-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ. Wara diskussjoni, kien hemm qbil mill-membri li jittrasferixxi 36 siegħa li huma ekwivalenti għas-siegħat ta' Novembru u Diċembru, jiġifieri minn meta beda *full time* mal-Kunsill tal-Fontana.

22.11.13 Ċirkulari Nru AKL 2020/128 – Stqarrija AKL – L-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali tibki lil wieħed minn tagħha – Is-Sindku Renald Falzon. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.11.14 Ċirkulari Nru AKL 2020/129 – Komunikazzjoni mill-BOV. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.11.15 Komunikazzjoni mingħand is-Sa. L. Camilleri De Bono rigward *Cleanup Event* organizzata mill-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.11.16 Korrispondenza mingħand is-Sa. A. Galea mill-Ministeru għal Għawdex rigward *Request for Information – List the streets that fall under the remit of your LC.* Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li bagħat il-lista ta' toroq li jaqgħu taħt il-Kunsill Lokali.

22.11.17 Korripondenza mir-Reġjun Għawdex dwar Bye-Laws Reġjonali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.11.18 Korrispondenza mingħand is-Sa. M Camilleri mill-NCPE dwar *NCPE's Online Conference to mark Equal Pay – 26 November 2020.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.11.19 Korrispondenza mingħand is-Sr K. Azzopardi mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u Xogħol, rigward *Project in Schools: Celebrating our locality's Sportspersons.* Wara diskussjoni, il-membri ssuġġerew lis-Sur Anthony Attard, lis-Sur Noel Cardona, lis-Sur Andrew Attard, lis-Sur Chris Borg, lis-Sur Stefan Cassar u lis-Sur Darren Briffa.

22.11.20 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex rigward Milied Solidali – Għoti ta' ikla tal-Milied għall-persuni partikulari fil-Lokalita'. Is-Sindku wieġeb illi din il-proposta li qed jagħmel ir-Reġjun Għawdex, il-Kunsill ilu jwettaqha sa minn Ġunju 2005, darbtejn fis-sena, fl-okkażjoni tal-Festa tal-Qalb ta' Ġesu' u fl-okkażjoni tal-Festa tal-Milied. Għalhekk il-Kunsill se jkompli joffri din l-ikla hu.

22.11.21 Ċirkulari Nru AKL 2020/130 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru. 39. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.11.22 Notifika mill-Qorti rigward is-Seduta *Anthony Cassar kontra l-Kummissarju tal-Artijiet; u b'digriet tal-4 ta' April 2014, il-Kunsill Lokali tal-Fontana ġie awtorizzat sabiex jintervjeni fil-kawża in statu et terminis* li se tkun quddiem il-Qorti tal-Appell nhar it-Tnejn, 7 ta' Diċembru 2020 fit-8.35am. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.11.23 Ċirkulari Nru AKL 2020/118 – Skema ta' tħawwil ta' siġar f'żoni urbani fil-lokalita' – Ministeru għat-Turiżmu. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.11.24 Korrispondenza mingħand *Transport Malta* tinforma lil Kunsill li l-applikazzjoni għal *Permanent Measure Competition* ma' ġietx milqugħa. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.11.25 Korrispondenza mingħand is-Sa V. Xuereb, Direttur Ġenerali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bit-titlu *Residential Road Programme and Innovative Projects for 2021.* Is-Sindku qal li l-affarijiet ma' jsirux hekk li fi ftit ġranet, li erbgħa minnhom kienu *weekends,* iridu jsiru l-estimi minn Perit peress li l-imejl ntbgħatet fl-20 ta' Novembru u sat-30 ta' Novembru trid tintbgħat risposta. Is-Sindku ssuġġerixxa biex il-Kunsill jikkuntattja lill-Perit Ġanni Saliba biex jara jaċċettax li jkun l-Perit, għat-toroq, parti minn Triq il-Għajn bejn it-Triq Kappillan Ġ. Hili u l-Knisja, u Trejqet Wara l-Idjar li għadha mingħajr wiċċ. Kien hemm qbil.

22.11.26 Korrispondenza mingħand COMM-REP-MT rigward *The EU Budget and Gozo – Webinar to be held on 4 December.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.11.27 Korrispondenza mingħand is-Sa. M Zammit rigward Ħatriet ta' Deputat Segetarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali li għadhom ma'

nnominawx Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku ppropona biex il-Kunsill jibgħat lil Kunsilli Għawdxin, min hemm interessat li japplika. Kien hemm qbil.

22.11.28 Korrispondenza mingħand is-Sur Mario Fava mill-Assoċċjazzjoni Kunsill Lokali l-ħlasijiet ta' siti ta' devoluzzjoni għand il-Kunsilli Lokali, fejn fir-risposta li hu bagħat lil Kunsill informa biex għalissa l-fattura tinżamm *onhold*.

22.11.29 Korripondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex rigward spejjeż relatati mas-Sistemi ta' Live Streaming u VoD. Kien hemm qbil minn dawk preżenti biex din il-korrispondenza tintbagħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

22.11.30 Korrispondenza mingħand is-Sur J. Azzopardi mid-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward *Save the Date: RE-launch of European Label of Governance Excellence (EloGE) and the Label Award to the Pembroke Local Council*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.11.31 Ċirkulari mill-OPM rigward il-mewt tal-Professur Oliver Friggieri, liema l-istess ċirkulari tgħid biex fil-25 ta' Novembru 2020, jum ta' luttu nazzjonali, l-bnadar jittellgħu mezza lasta. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill tella l-bnadar mezza lasta bħala sinjal ta' rispett.

22.11.32 Korrispondenza mingħand is-Sur G Refalo mir-Reġjun Għawdex bis-suġġett Suġġerimenti għat-tfassil ta' Offerta għas-Servizz ta' *Preventive & Routine Maintenance* tal-i*Street Lighting* devolut lir-Reġjun Għawdex. Wara diskussjoni bejn dawk preżenti, is-Sindku ippropona li l-Kunsill issuġġerixxa li importanti li jkun hemm żmien limitat u jitwaħħlu l-multi biex jittranġaw il-bozoz leds; ikun hemm *time limit* ta' tlett ijiem minn x'ħin isir ir-rapport sakemm tittranġa; u jkun hemm il-multi meħtieġa u li dawn il-multi jiġu attwati.

22.11.33 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment għal Gvern Lokali bis-suġġett *The URBACT Malta Newsletter*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22.11.34 Korrispondenza mingħand Dr D. Camilleri minn *Transport Malta* rigward it-talba għal-*parking space* quddiem ir-residenza 'Teak', Triq il-Qalb ta' Ġesu', Fontana minħabba l-fatt li qed jipparkjaw quddiem tiegħu kif ġie ġie. Ir-risposta ta' Dr Camilleri tkun li dan ir-residenti

jista' jkun li hu intitolat għall-*double yellow lines* u mhux għal-spazju ta' parkeġġ.

22.11.35 Korrispondenza mibgħuta lid-Direttur Ġenerali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex is-Sa. V. Xuereb rigward diversi talbiet li saru mill-Kunsill biex tinwaħal *bollard* quddiem l-Għajn il-Kbira u li sa issa għadu ma sar xejn.

## 22.12 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

22.12.1 Il-Viċi Sindku s-Sinjura Josephine Camilleri ssuġġeriet biex jingħata ukoll pakkett maskri, *sanitizers*, u prodotti li għandhom x'jaqsmu mal-COVID-19. Is-Sindku wieġeb li wieħed jista' jagħmel ħafna affarijiet, imma jrid ikun hemm limitu biex ma' jkunx hemm ħafna spejjeż.

22.12.2 Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef informa lil dawk preżenti li hemm ħajt qiegħed fil-periklu li jaqa' mal-għalqa malli ddur għal Triq l-Isptar San Ġiljan. Kien hemm qbil li nibagħtu talba lis-sid ta' dan il-ħajt biex jirranġa dan il-ħajt kemm jista' jkun malajr biex jiġi evitat kull tip ta' periklu.

22.12.3 Il-Kunsillier is-Sur Jonathan Cefai talab biex isir ftit *patching* quddiem ir-residenza nru 66, fi Triq il-Kappillan Ġużeppi Hili għax it-triq niżlet u qed jinġema l-ilma. Kien hemm qbil li jsir ftit *patching.*

## 22.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

22.13.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 17/2020 għall-perjodu bejn l-1 ta' Novembru 2020 u l-25 ta' Novembru 2020 li tammonta għal €13,279.27 ġiet approvata u ffirmata.

## 22.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

22.14.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-6.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 15 ta' Novembru 2020, fil-5.30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 15 ta' Diċembru 2020.

Saviour Borg
Sindku

Neville Galea
Segretarju Eżekuttiv